MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 1016/2006

**Mary Victoria Camilleri**

**vs**

**Helen La Rosa de Cristofaro;**
**B'digriet tal-Qorti tat-18 ta' Dicembru 2006, gew nominati Dr. Beppe Fenech Adami u P.L. Mario Mifsud Bonnici bhala Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Paul Camilleri u lill-eredi injoti tal-mejjet John Arthur Camilleri;**
**B'digriet tat-12 ta' Jannar 2007, il-Qorti laqghet it-talba u ssostitwiet lill-Kuraturi Deputati mahtura b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2006 bil-persuna ta' Josephine Mary Abela**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Maria Victoria Camilleri, li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi:

L-esponenti hija oht il-mejjet John Arthur Camilleri, li miet fit-12 ta' Jannar 2005.

Skont l-ahhar testment tal-istess John Arthur Camilleri datat 3 ta' Jannar 1963 in atti Nutar Dottor Joseph Cachia (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A), filwaqt illi l-konvenuti Helen La Rosa de Cristofaro u Paul Camilleri gew nominati, fost ohrajn, bhala eredi tal-istess John Arthur Camilleri, hemm eredi ohra, skont l-istess testment, li l-identita' taghhom ghad trid tigi stabbilita.

Fl-istess testment, id-*decuius* halla lir-rikorrenti, b'titolu ta' legat, l-uzufrutt universali tal-gid kollu tieghu ezistenti kemm f'Malta u kemm barra minn Malta.

Ir-rikorrenti, f'hajjet id-*decuius*, kienet b'mod regolari tiddepozita ammonti ta' flus ghand l-istess *decuius* liema depoziti komplessivament jammontaw ghal cirka tlettax-il elf Liri Maltin (Lm13,000) jew somma ohra verjuri hekk kif talvolta jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, liema flejjes id-*decuius* kien izomm f'kontijiet tieghu izda ghan-nom tar-rikorrenti.

Id-*decuius* kien jaf li dawn il-flejjes ghalkemm kienu f'kontijiet tieghu, kienu fil-fatt proprjeta' tar-rikorrenti.

Il-konvenuta Helen La Rosa de Cristofaro ammettiet illi d-*decuius* kien izomm flejjes ghan-nom tar-rikorrenti (vide dikjarazzjoni datata l-1 ta' Mejju 2006 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B) filwaqt illi numru ohra ta' familjari tal-kontendenti, ilkoll potenzjalment eredi tal-istess *decuius*, ukoll ammettew l-istess fatt u cioe' illi d-*decuius* kien izomm flejjes ghan-nom tar-rikorrenti (vide dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. C sa Dok. F).

Peress ghalhekk illi fil-kont tad-*decuius* hemm flejjes li huma proprjeta' tar-rikorrenti.

Sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tirtira ossia tizbanka l-flus taghha sudetti kellu jigi intavolat dan ir-rikors guramentat.

Talbet ir-rikorrenti tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tidddikjara illi fil-kontijiet ossia assi tal-mejjet John Arthur Camilleri hemm depozitati flejjes fl-ammont ta’ cirka tlettax-il elf Liri Maltin (Lm13,000) jew somma ohra verjuri hekk kif talvolta jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, liema flejjes huma proprjeta’ tar-rikorrenti.

Tordna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti dik is-somma hekk dikjarata fl-ewwel talba u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi stabbilit minn din il-Qorti.

Tawtorizza lir-rikorrenti, sabiex fin-nuqqas li l-konvenuti jew min minnhom jaghmlu dak lilhom ordnat fit-tieni talba fiz-zmien prefiss, l-istess rikorrenti tizbanka s-somma dikjarata fl-ewwel talba mill-kontijiet ossia assi tal-mejjet John Arthur Camilleri u dana a spejjez tal-istess konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-mewt tad-*decuius*, kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u bir-rizerva ghal kull azzjoni ohra talvolta spettanti lir-rikorrenti skont il-Ligi.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Helen La Rosa de Cristofaro u Josephine Mary Abela li qed tidher f’isimha u bhala kuratrici ad litem tal-imsefrin Paul Camilleri u tal-eredi imsiefra ta’ John Arthur Camilleri u cioe’ Elizabeth sive Betty Melone, Carmen Mckeever, Rose Conner U Helen Schembri filwaqt li Helen Xuereb qed tidher f’isimha proprju, li in forza taghha eccepew illi:

It-talbiet tal-attrici huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza;

Di piu’, id-dikjarazzjoni a fol. “C” tad-dokumenti tal-attrici hija biss karta sabiex isserrah mohh l-attrici li xi intimati kienu ser jghinuha finanzjarjament u dan minghajr pregudizzju ghal xi ammissjoni da parte taghhom.

Rat id-dokumenti.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha.

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet li permezz taghha, l-istess partijiet qablu dwar it-talbiet kollha.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba; tilqa' t-tieni talba b'dana illi s-somma ta' €30,281.85 ghandha tigi sbankata fi zmien erba' gimghat mill-kont HSBC Bank Malta p.l.c. Nru. 064-055460-102 intestat Mr. John Camilleri c/o Mrs. Mary Victoria Camilleri; tilqa' t-tielet talba.

L-attrici ghandha thallas is-somma ta' €3,494 lil Helen La Rosa de Cristofaro.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati fi kwoti ndaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------